# GĦIX L-EĊĊITAMENT TAR-REGATTA TA' JUM IL-ĦELSIEN MILL-FORTI SANT'ANĠLU

**Stqarrija | 27 ta' Marzu 2025**

Nhar it-Tnejn, 31 ta' Marzu, Heritage Malta qed tistieden lill-pubbliku jesperjenza r-Regatta ikonika ta' Jum il-Ħelsien minn wieħed mill-postijiet bl-isbaħ veduta fil-Port il-Kbir – il-Forti Sant'Anġlu.

Ir-Regatta, tradizzjoni ewlenija tal-wirt marittimu Malti, iġġib flimkien timijiet tal-qdif minn diversi bliet u rħula f'sensiela ta' tiġrijiet missielta. Kull qadfa fl-ikħal tal-Port il-Kbir tqarreb lejn il-premju tant mixtieq tal-Palju. Il-kompetizzjoni eċċitanti tiżvolġi fil-qala taħt il-Forti, u toffri lill-viżitaturi tiegħu veduta bla paragun tat-tiġrijiet.

Għal din l-okkażjoni speċjali, il-Forti Sant'Anġlu se jiftaħ il-bibien tiegħu b'rati tad-dħul imraħħsa, u jagħti lill-viżitaturi opportunità rari biex mhux biss jaraw ir-Regatta iżda wkoll jesploraw waħda mill-aktar fortizzi magħrufa tal-pajjiż – permezz ta' wirjiet kemm tradizzjonali kif ukoll innovattivi, u eżempji spettakolari ta' artillerija.

Il-Palazz Maġisterjali, li mijiet ta' snin ilu kien l-ewwel residenza uffiċjali tal-Gran Mastri tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta u għadu jaqdi din il-funzjoni sal-lum, se jkun aċċessibbli wkoll, biex b'hekk jagħti ċ-ċans lill-pubbliku jidħol fil-qalba ta' fejn intisġet l-istorja.

Lil hinn mit-tlielaq infushom, l-avveniment se joffri wkoll attivitajiet għall-etajiet kollha. Mill-10:00 sal-11:30, viżitaturi ċkejknin se jkunu jistgħu jipparteċipaw f'attività tal-arti f'Egmont Hall, filwaqt li re-enactors mill-In Guardia se jagħtu l-ħajja lill-istorja b'wirjiet madwar il-forti mill-10:00 sas-14:00.

Il-biljetti jistgħu jinxtraw minn www.heritagemalta.mt/store, minn kwalunkwe mużew jew sit ta' Heritage Malta, u minn ħdejn il-bieb dakinhar tal-avveniment. L-aħħar dħul permess huwa fis-18:30.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta